FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

2 ta' Dicembru 2014

**LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**Minuti tad-Disgha uTletin (39) laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah id-Disgha u Tletin (39) Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru 2014 fil-5.30pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart
10. Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju
11. Attivita tal-Milied mad-Dar ta' l-Anzjani
12. Progett Taht il-forka
13. Hruq tal-iskart domestiku
14. Gibjun ta Hdejn l-Agfa
15. Skema ta Parkegg Residenzjali
16. Latrina Pubblici ta Hdejn Bieb il-Bombi
17. Kawza Legali DJS Trading Ltd
18. Skema ta Attivitajiet Kulturali – Memo 27/2014
19. Traffiku u Parkegg
20. Tournament tal-Football
21. Bankini Balzunetta
22. Arblu tal-bandiera fi Triq Sant'Anna
23. Progetti Binja Vilhena u Binja Preziosi
24. Aggornament tal-Laqgha

Ghad-Disgha u Tletin (39) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.**
**L-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh Jean Zarb ma kienx prezenti.**
**Il-Vici Sindku Matthew Paris u l-Kunsillier Edward Torpiano attendew wara materja nru 1.2.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tmienja u tletin (38) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: 17:32 Il-Kunsillier Edward Torpiano attenda ghal-laqgha.**
**Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda ghal-laqha.**

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.2 (38) u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp. Is-Sindku Nigel Holland qal li l-periti taz-zewg partijiet kienu qablu fuq l-intervent li ghandu jsir u ghalhekk kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jibda l-process biex tinhareg sejha. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ghalkemm hu kien diga pprepara d-dokument ghas-sejha ghall-offerti, kien hemm kuntrattur li kien offra li jaghmel ix-xoghol imsemmi bi prezz ta' €990 li hu inqas mir-rata tal-perit.

2.1.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-kwotazzjoni moghtija mill-kuntrattur Daniel Attard, bir-rizultat kien:

Favur: 4 (ET, DSH, NH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (MP)

2.1.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jigi ddikjarat li r-raguni ghalfejn kien qed jastjeni kien minhabba kunflitt t'interess peress li s-Sur Attard kien klijent tieghu.

2.1.3 Is-Sindku sostna li x-xoghol ghandu jigi approvat u vverifikat mill-Perit u ssuggerixxa li l-Kunsill ghandu jibqa' jzomm rotazzjoni tajba fuq il-kuntratturi li ssoltu jaghtu servizz lill-Kunsill.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.7 (38) u saqsa jekk kienx hemm xi zvilupp dwar din il-locality map. Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien qed jahdem sabiex tigi rrangata din il-mappa. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien informa lid-disinjatur originali li talab li jigi pprezentat id-disinn propost sabiex ikun jista' jaghti stima. Is-Sindku qal li l-uniku tibdil li ser jaghmel kien bdil f'ismijiet u xi tibdil iehor zghir u ghalhekk ma kellux jaffetwa l-istima. Il-Vici Sindku Matthew Paris fakkar li jekk kienet ser tinbidel l-orjentazzjoni tal-mappa dan seta' jaffetwa l-prezz.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.8 (38) u saqsa jekk kinietx ingiebet stima ghall-pubblikazzjoni ta' iktar kopji tal-Floriana Heritage Trail. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kellu jiehu hsieb jitlob kwotazzjoni ghal dan kif jaslu ghaliha.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.4 (38) u saqsa jekk kinietx ittiehdet azzjoni kontra l-bar li qed johrog imwejjed bla permess. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hu kien talab lill-kumpanija tal-gwardjani lokali sabiex jinvestigaw. Il-Kunsillier Borg saqsa lil min ikunu dovuti t-tariffi relatati mal-permess tal-imwejjed. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li permess temporanju ghall-imwejjed ikun moghti mill-Kunsill filwaqt li wiehed permanenti jrid jigi approvat u jithallas lill-MTA.

2.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 4.4 (38) u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi rigward il-mixghela tas-sigar fi Triq Nazzjonali. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li t-talba kienet saret. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kien hemm dwal mas-sigar.

2.6 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 7.5 (38) u saqsa jekk kienx hemm zvilupp dwar il-proposta li l-kunsillieri jaghtu donazzjoni mill-allokazzjoni taghhom.

2.6.1 Is-Sindku qal li min jixtieq li jaghti parti mill-allokazzjoni tieghu bhala donazzjoni ghandu jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jiehu hsieb inaqqas l-ammont mitlub.

2.6.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa kif kienet ser tidher din id-donazzjoni jekk hux bhala kunsill lokali jew jekk hux kollettivament bhala l-kunsilli kollha ta' Malta. Is-Segretarju zekuttiv qal li jrid jivverifika jekk kienet ser tidher fuq il-Kunsill Lokali Floriana.

2.6.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li d-donazzjonijiet jinghataw lill-President ta' Malta matul il-forum.

2.6.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu jippreferi li d-donazzjonijiet jghaddu bhala Forum Rigenerazzjoni Floriana.

2.6.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li tintbaghat cirkolari lill-ghaqdiet li xtaqu jippartecipaw u jaghtu d-donazzjoni taghhom. Il-Kunsill qabel.

2.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 4.2 (38) u nformat li matul l-attivita' tal-Breast Cancel Awareness kienet attendiet ukoll il-President ta' Malta u li l-attivita' kienet ta' success.

2.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja nru 4.6 (38) u saqsiet jekk kinietx inharget kontravvenzjoni lill-kuntrattur in kwistjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li nel frattemp il-kuntrattur kien gie jhallas il-permessi li kellu b'lura apparti l-fatt li d-decizjoni biex wiehed iharrek lill-kuntrattur kienet ittiehdet tard wisq u ghalhekk il-kuntrattur ma setax jitharrek. Is-Sindku Nigel Holland qal li hu jinsisti li l-kuntrattur jigi mharrek minkejja li ghadda z-zmien ladarba hu kien naqas milli jipprocedi kif suppost. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ghandu jiccekkja mal-kumpanija tal-gwardjani lokali jekk dan setax jigi mharrek.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kienx hemm permess ghal scaffolding fi Triq is-Suq. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ghandu jivverifika mal-ufficcju biex f'kaz li ma kienx hemm permess, il-kuntrattur jigi mitlub ihallas.

2.10 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-materja tal-isprall mizdud fi Triq San Tumas u saqsiet jekk kienx hemm xi zvilupp. Is-Sindku qal li hu kien insista mal-kuntrattur lmqabbad apparti, General Ecological Services (GES), sabiex jiltaqa' mieghu u li wara li gie, fi ftit minuti kienet giet solvuta l-problema. Huwa kompla billi qal li rrizulta li l-problema kienet qed tigi kkawzata minhabba xi bottijiet li kien hemm isoddu l-isprall.

2.10.1 Is-Sindku ssuggerixxa li l-ispiza tal-kuntrattur terzjarja (GES) ghandha titnaqqas mill-ammont dovut lill-WM Environmental Ltd. Ladarba dan kien nuqqas tal-kuntrattur li kien responsabbli mit-tindif tal-ispralli. Tali mozzjoni giet issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano u ttiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, Et, DSH, VB, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

2.11 Is-Sindku qal li hu kien tkellem mal-kuntrattur WM Environmental Ltd, li kien ammetta li bin-numru ta' nies li ghandu biex inaddfu l-Floriana ma setax ilehhaq it-tindif kollu. Is-Sindku qal li l-kuntrattur qallu li kien tort tal-Kunsill li ma talabx specifikament fis-sejha ghall-offerti kemm ser ikollu bzonn nies biex isir it-tindif kif stipulat. Is-Sindku kompla li dan kien ragunament inaccettabli ghax kull min jitfa l-offerta kellu jindika n-numru ta nies li ser jahdem bihom u kien intrabat li jonora l-kuntratt b'dak l-istess numru ta nies, u kien abbazi ta dan li l-kuntrattur WM Environmental rebah l-offerta.

2.12 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li dakinhar stess kien ircieva ilment iehor dwar sprall iehor mizdud.

2.13 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghad-decizjoni mittiehda fil-laqgha precedenti li jinhatar kuntrattur differenti biex jarma Triq Sant'Anna. Huwa qal li filwaqt li jammira l-isforzi ta' kulhadd sabiex jitnaqqsu l-ispejjez, ihoss li l-Kunsill kellu jikkunsidra li jitlob lill-kuntrattur precedenti jekk kienx lest li jahdem ix-xoghol bl-istima moghtija mill-kuntrattur il-gdid. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk il-kuntratt kienx jistipula li l-Kunsill kien dovut jaghmel hekk. Is-Sindku qal li ma kienet inkisret l-ebda ligi jew kundizzjoni mill-kuntratt izda seta' sar hekk per kirjanza.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal laqgha li saret ma' KDF Ltd. fejn is-Sur Karl De Flavia kien qed jargumenta li r-rawl bolts li qed jintuzaw fit-tizjin tal-Milied ta' Triq Sant'Anna kienu jappartjenu lilu.

3.1.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu kien issuggerixxa li l-Kunsill jitlob parir minghand l-Avukat tieghu. Huwa qal li l-avukat kien insista li dawn ir-rawl bolts ma kienux jappartjenu lill-kuntrattur u li hu ma kellu obbligu ghal xejn.

3.1.2 Is-Sindku qal li l-kuntrattur kompla jinsisti li dawn kienu tieghu u li kien ser jaqlaghhom. Is-Sindku qal ukoll li eventwalment il-kuntrattur kien gie mgharraf li jekk dawn jitnehhew, allura l-Kunsill kien ser ikollu jaghmel rapport lill-Pulizija ladarba tkun intmisset proprjeta' tieghu.

3.1.3 Is-Sindku qal li l-kuntrattur baqa' jinsisti li dawn kienu tieghu u li kellu l-ircevuta fiskali taghhom.

3.1.4 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu ma jaqbilx ma' dan l-agir ladarba l-kuntrattur kien thallas tax-xoghol kollu li kien sar u dan kien jinkludi wkoll il-materjal involut biex ix-xoghol isir.

3.1.5 Is-Sindku qal li l-korrispondenza kollha mibghuta bejn il-Kunsill u l-kuntrattur kienet qed tigi mibghuta wkoll lill-Avukat sabiex tigi itina l-pariri legali tieghu.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba minghand il-operaturi tal-bar tal-Floriana Football Club li kienu qed jitolbu l-assistenza tal-Kunsill sabiex titwessa' l-bankina ta' quddiem il-kazin. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ghandu jivverifika fil-minuti ta' legislaturi precedenti sabiex jara x'kien sar f'kaz simili. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu ma jaqbilx fil-principju izda ladarba kien hemm precedent allura jemmen li l-Kunsill ghandu jara x'jista' jaghmel. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi m'ghandhiex oggezzjoni bil-kundizzjoni li l-ewwel tingieb kwotazzjoni ghax ~~xoghol~~ ghall-mogħdija imsemmi, jekk sar hekk f'kaz precedenti.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal-laqgha li kellu mas-Sur Wilson Mifsud fejn gie mqajjem punt rigward il-gabra tal-boroz grizi. Huwa qal li l-kuntrattur sostna li xi boroz grizi ma jingabrux meta jkun evidenti li jkun fihom skart imhallat jew mhux riciklat kif suppost. Is-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill jiehu hsieb jaghmel stickers sabiex il-kuntrattur ikun jista' jwahhalhom ma' dawk il-boroz kollha li ma jkollhomx skart riciklat kif suppost, kemm biex in-nies ikunu jafu ghalfejn ma ngabrux il-boroz qabel ma jaghmlu l-ilment u wkoll bhala mezz ta' edukazzjoni. Il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel li ghandu jiehu hsieb jaghmel dawn l-istickers.

3.4 Il-Kunsillier Edward Torpiano saqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk kienx hemm xi ilmenti rigward boroz li ma ngabrux u li thallew barra hdejn l-Ambaxxata Taljana. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu kien ikkuntattja lil min ilmenta

3.5 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien innota li x-xufier tal-iscamel kien qed jidhol f'xi toroq bir-reverse u b'konsegwenza jispicca anke jitla' fuq il-bankini. Huwa qal ukoll li nnota wkoll li l-vettura kienet anke tghaddi wrong way. Huwa qal li dawn kienu nuqqasijiet tax-xufier tal-vettura u mhux tal-kuntrattur per se. Is-Sindku qal izda li kellu jkun il-kuntrattur li jiehu azzjoni dwar l-agir tal-haddiema tieghu.

3.6 Is-Sindku ssuggerixxa li s-Segretarju Ezekuttiv jinforma lir-residenti li l-gabra tal-iskart ta' nhar ta' Hadd kienet qed issir kmieni u li r-residenti ghandhom jiehdu hsieb johorgu l-boroz taghhom fil-hin stipulat.

3.7 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-gabra tal-iskart goff u saqsa x'qed jigri meta xi resident jinforma li l-oggett tieghu ma jkunx ingabar. Huwa qal li f'kaz partikolari kien informat minn resident li l-kuntrattur ma marx ghall-oggett. Huwa qal li l-gabra kienet regghet tnizzlet ghad-data li jmiss u minkejja dan xorta wahda l-oggett kien baqa' ma ngabarx.

3.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-ufficcju kien jivverifika wara kull gabra billi jcempel lir-residenti u jara jekk l-affarijiet ikunux ingabru.

3.7.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li jekk dawn l-ilmenti ser jibqghu jippersistu allura l-Kunsill ghandu jikkunsidra li jibda' johrog default notices lill-kuntrattur.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq talba sabiex isir dog bin hdejn ic-Centru tas-Sahha. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li ghandu jitlob kwotazzjoni biex dan isir.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghal xi kazijiet fejn impjegati fil-Floriana kienu qed igibu l-iskart domestiku maghhom u jarmuh barra. Is-Sindku qal li dawn l-ilmenti ghandhom jghaddu lill-gwardjani lokali sabiex tittiehed kull azzjoni necessarja kontra kull min ihammeg.

3.10 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien tkellem mal-kuntrattur Wilson Mifsud rigward il-hsara li saret fuq il-bollards fi Trejqet l-Imhazen. Huwa qal li l-kuntrattur kien ammetta li l-hsara kienet saret mill-haddiema tieghu. Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma li l-kuntrattur kien ammetta u kien accetta li jigi jsewwi l-hsarat izda l-haddiema tal-Kunsill kienu lehqu rrangaw il-hsara huma.

3.11 Is-Sindku Nigel Holland gibed l-attenzjoni li fuq il-Fosos ta' Sant'Anna hemm zewg qsari li ghandhom palmi zghar u ssuggerixxa li l-Kunsill igib iktar minn dawn il-palm sabiex jitpoggew fil-pots li hemm vojta fuq l-istess fosos, kif ukoll fi Gnien Vilhena u f'xi postijiet ohra. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-palm ikollhom bzonn ftit ilma sakemm jaqbdu u li jekk ma jissaqqewx jispiccaw imutu. Is-Sindku qal li allura l-Kunsill kellu jiehu l-opportunita' sabiex jizra dawn il-palm fix-xhur tax-Xitwa.

3.12 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghas-suggeriment li gie moghti matul – Assemblea Generali Furjaniza fejn xi residenti talbu li jithawwlu xi pjanti taht il-logog. Hija

ssuggeriet li l-Kunsill jiehu hsieb ihawwel il-pjanti u jitlob l-ghajnuna tar-residenti sabiex isaqqu l-pjanta ta' quddiemhom. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jikkunsidra din it-talba aktar tard sabiex l-ewwel jara kemm hemmhwat vojta u jara xi pjanti ghandu bzonn jordna.

3.13 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien gie avvicinat mill-Floriana Young Stars Hockey Club li nformawh li l-madwar kien qed jeghreq meta taghmel hafna xita. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlobb lill-Gvern Centrali sabiex jiehu azzjoni u jaghmel xi gutter jew dak necessarju biex il-problema tissolva.

3.14 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand it-TCTC li offrew biex ghal darb'ohra l-Kunsill jerga' jorganizza korisjiet tal-kompjuter ghar-residenti tal-lokalita'. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li ghalkemm l-attendenza ma tkunx wahda kbira, xorta wahda thoss li dawn il-korsijiet ghandhom jinzammu sabiex jaghtu opportunita' lil dawk li jkunu jixtieqlu jattendu. Is-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill ikellem lill-kumpanija sabiex tikkunsidra li jkun hemm kundizzjonijiet differenti ghal-lokalita' tal-Floriana ladarba l-attendenza tkun minima u ghalhekk ma jkunx hemm ritorn soddisfacenti fuq il-prezz imhallas. Il-Kunsill qabel.

3.15 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-materja nru 3.14 u qal li matul il-laqgha tar-Regjun kienet giet diskussa l-possibilta' li dawn il-korsijiet jibdew jithallsu mir-Regjun Xlokk. Il-Kunsill qabel li ghandu jivverifika mar-Regjun jekk kienx hemm iktar zviluppi dwar din il-materja sabiex jara kif ser jipprocedi rigward l-offerta' ghal dawn il-korsijiet.

3.16 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kienet innotat li jezistu sleeping policemen zghar f'lokalitajiet ohra u ssuggeriet li l-Kunsill jikkunsidra li jinstalla sleeping policeman simili minflok dawk li ssoltu jigu nstallati. Il-Kunsill qabel li ghandu jistaqsi dwarhom u jivverifika mal-perit jekk dawn ikunux possibli.

3.17 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghar-rapporti mghoddija mill-Pulizija rigward in-nuqqas t'gheluq tal-gonna tal-Floriana. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ikkonfermat li dan kien minnu u li l-gonna kienu qed jibqghu miftuhin. Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li l-kuntrattur ghandu jigi ppenalizzat permezz ta' default notice ghal dawn in-nuqqasijiet.

3.17.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni sabiex il-kuntrattur jigi mmultat €25 multa ghal kull jum li fih naqas, b'total ta' hamest ijiem.

3.17.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet kontro mozzjoni sabiex il-kuntrattur jinghata default notice kif ukoll multa ta' €125, issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (DSH, VB)
Kontra: 3 (NH, ET, MP)
Astensjonijiet: 0

3.17.3 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland sabiex il-kuntrattur jigi mmultat ghal total ta' €125, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (NH, ET, MP)
Kontra: 2 (VB, DSH)
Astensjonijiet: 0

3.18 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn persuna sabiex il-Kunsill johrog no objection ghal zieda ta' dawl f'Hornworks Ditch. Hija qalet li kienet irrakomandat li l-ewwel japplika l-Enemalta.

3.18.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li kienet giet informata li jekk jizdied xi dawl b'talba tal-Kunsill, dan ikollu jithallas mill-Kunsill

3.18.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma din l-informazzjoni.

3.18.3 Is-Sindku qal li jekk hemm bzonn li jizdied id-dawl allura l-Kunsill ghandu jikkunsidra li jaghmel dan.

3.18.4 Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li t-triq jista jkun li ghandha bzonn iktar dawl ghax it-triq hi mudlama u taghti lok ghall-abbuz. Il-Kunsill qabel li ghandu jmur fuq il-post sabiex ikun jista' jiehu decizjoni finali.

3.19 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kazin tal-Banda Vilhena fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jorganizzaw attivita' fuq il-Fosos. Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jivverifika sew id-dettalji u jekk it-talba ghadhiex valida ghax dehrlu li semgha li l-kazin tal-banda mhux ser jipprocediu bl-attivita`. Il-Kunsill qabel li nel frattemp jaghmel provisional booking sakemm it-talba tigi kkonfermata.

3.20 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ittra minghand l-avukat tas-Sur Wilson Mifsud fejn ghal darb'ohra kien qed jerga' jikkontesta d-default notice li nghatat mill-Kunsill. Is-Sindku qal li hu kien ser ikompli jinsisti fuq il-pozizzjoni tieghu dwar id-default notice mahruga. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jirtira din id-default notice ladarba kien hemm prova cara u kien hemm anke min kien lest jitla' jixhed ghan-nuqqasijiet li ghalihom inharget id-default notice.

3.21 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-Partit Nazzjonalista kien finalment hallas ghall-bankijiet li kienu naqsu snin ilu minn fuq il-Fosos waqt l-attivitajiet tal-Indipendenza.

3.22 Is-Sindku Nigel Holland informa lil l-Kunsill li l-Ambaxxatur ghaz-Zghazagh prezenti ghalaq it-18-il sena, ghahekk irid jinhatar persuna ohra. Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tkun fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

3.23 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Smart Cabs li kienu qed jippjanaw li igibu minibuses tal-elettriku li jibdew iduru mal-lokalita' u talbu n-no objection tal-Kunsill sabiex jopera fil-Floriana. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni biex jibda jinghata dan is-servizz.

3.23.1 Is-Sindku qal li huma kienu qed jitolbu wkoll li l-Kunsill jipprovdilhom materjal pubblicitarju sabiex jitqassam matul dawn it-tours. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.23.2 Is-Segretarju Ezekuttv gibed l-attenzjoni ghall-fatt li l-kumpanija kienet qed titlob ukoll li l-Kunsill jaghtihom esklussivita' biex jipprovdu dan is-servizz madwar il-lokalita'. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li dan ma kienx possibli legalment minhabba li kien hemm bzonn li tinhareg sejha ghall-offerti biex wiehed jinghata esklussivita' fuq perjodu ta' snin.

3.23.3 Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jinformahom li m'ghandux oggezzjoni biex jigi pprovdut dan is-servizz u lanqas biex jipprovdi materjal pubblicitarju izda m'huwiex f'pozizzjoni li jikkonferma l-esklussivita' ghal dan is-servizz ghal numru ta' snin.

3.23.4 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li li l-hsieb taghhom hi li l-venda taghhom tkun hdejn l-Argotti u li t-tluq isir minn hemm. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.24 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghall-problema li qed tinqala ta' kull darba meta

jkun hemm il-gabra tal-iskart goff fejn il-kuntrattur kien jitlob li l-karta tingabar qabel il-hin stipulat mill-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv talab lill-Kunsill jekk jikkunsidrax li l-gabra ssir f'nofsinhar minflok fis-2pm. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li l-gabra ssir f'nofsinhar, bil-kundizzjoni li l-karta ma tingabarx qabel il.11.45am u dan il-ftehim b'mod temporanju u bi zmien ta' prova sal-ahhar tas-sena, u wara il-kunsill izomm id-dritt li jirrevedi.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel rifefenza ghad-diskussjoni li qamet matul il-laqgha ta' Regjun Xlokk fejn gie diskuss l-installazzjoni tal-earth electrodes. Huwa qal li kien gie deciz li din il-materja titressqa quddiem l-Assocjazzjoni ghall-Kunsilli Lokali ladarba din kienet tikkoncerna lill-kunsilli lokali kollha.

4.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-ispejjez relatati mat-tribunal fejn il-Ministeru jixtieq li l-ispejjez jigu assorbiti mir-regjun ikkoncernat. Il-Vici Sindku Paris qal li legalment din ma taghmilx sens minhabba li hemm bzonn li tassigura l-indipendenza bejn ir-regjuni u t-tribunal. Huwa kompla billi qal li kien gie deciz li r-Regjun jikteb lill-Ministeru sabiex juri t-thassib tieghu.

4.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano saqsa jekk kienx minnu li nhareg permess lill-kuntrattur sabiex f'nru 14 Pjazza Sir Luigi Preziosi titpogga sodda tal-konkos taht il-bankina. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-Kunsill johrog permess ta towercrane, li ovvjament tinkludi il-bazi taghha, izda tali permess ikun bi skadenza.

> 4.3.1 Is-Sindku saqsa ghalfejn il-kuntrattur ma kienx tharrek l-ghada li skada l-permess ladarba dan ma kienx rega' gie mhallas.
>
> 4.3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-permess kien skada fit-30 ta' Marzu 2014 u sa dakinhar kien ghadu ma giex jaghmel permess iehor.
>
> 4.3.3 Is-Sindku sostna li l-Kunsill ghandu jiehu azzjoni kontra l-kuntrattur ladarba l-materjal u din is-sodda kienet qed tithalla fuq il-post minghajr permess.
>
> 4.3.4 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta abbozz tal-ligi li titratta dawn il-materji.
>
> 4.3.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jibghat ittra lill-kuntrattur sabiex ihallas l-arretrati li ghandu f'permessi li ghadhom ma thallsux. Il-Kunsill qabel li ghandu jimmulta lill-kuntrattur skont kif stipulat mil-ligi.
>
> 4.3.6 Il-Kunsill qabel ukoll li l-kunsillier responsabbli mill-MEPA ghandu jiehu hsieb jirraporta dan il-kaz u jitlob li tohrog enforcement notice.

**Nota: 19:00 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Il-Kunsillier Vincent Borg talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jiccirkola l-minuti tal-ahhar laqgha tas-sotto kumitat.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill bl-iskeda proposta ghall-hinijiet tal-ftuh/gheluq tal-ufficcju tal-Kunsill kif ukoll tal-ikla tal-Kunsill fi zmien il-festi. Il-Kunsill approva. Dokument Anness

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 98-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill bir-rampa tal-konkos li hemm fuq in-naha ta wara tal-Fosos ta Sant'Anna u li x-xoghol kien ser jibda' l-ghada.

**Nota: 19:06 Is-Sindku rega' attenda ghal-laqgha.**

7.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 12388 sa 12435, bir-rizultat:

Favur: 5 (VB, ET, DSH, NH, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li hu kien ser jastjeni mill-pagamenti dovuti lil JF Security, Aurelia Enforcement Ltd. u Jobbers minhabba kunflitt t'interess.

7.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet / rakkomandazzjonijiet.

## 9.0 Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart

9.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta r-rapport finanzjarju tat-tielet kwart.

9.2 Huwa spjega kif is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill kienet qed titjieb u li l-Kunsill kien qied jikkontrolla d-deficit.

9.3 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondat mill-Vici Sindku Matthew Paris, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (ET, MP, NH, DSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 10.0 Fanali Ornamentali fi Pjazza San Publju

10.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja billi saqsa jekk il-Kunsill kienx ircieva twegiba. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li s'issa ma kien ircieva l-ebda twegiba rigward dan.

10.2 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaghti skadenza ta' hmistax-il gurnata. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

10.3 Is-Sindku qal li din il-materja kienet anke tressqet minn xi residenti matul l-Assemblea Generali Furjaniza u ghalhekk il-Kunsill kellu d-dmir li jiehu kull azzjoni possibli biex din il-problema tissolva malajr kemm jista' jkun.

## 11.0 Attivita' tal-Milied mad-Dar ta' l-Anzjani

11.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Vincent Borg sabiex jiftah il-materja.

11.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien tkellem mad-Dar tal-Anzjani sabiex bhas-soltu il-Kunsill jtella attivita zghira lill-anzjani.

11.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jistieden ukoll lill-Floriana Senior Citizens ghal din l-attivita', liema suggeriment ma giex milqugh.

## 12.0 Progett Taht il-forka

12.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li xi ftit tal-jiem ilu l-Kunsill kien gie mitlub jaqla' l-bankijiet u l-fanali li hemm Taht il-Forka.

12.2 Huwa qal li kien talab lis-Segretarju Ezekuttiv jinforma li l-Kunsill kien ser jirrifjuta li jiehu azzjoni qabel ma tinzamm il-laqgha l kella issir mal-perit tal-kuntratturi li ser jaghmlu x-xogholijiet ghall-Forzi Armati ta' Malta . Huwa qal li l-laqgha kienet inzammet dakinhar u matulha kien jidher li kien hemm preokkupazzjoni dwar il-fatt li l-moll kien ipprogettat li jibqa' hiereg sal-parti li jikkrejaw ruhhom fiha n-nies.

12.3 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikteb lill-Ministru Manuel Mallia u jirringrazzjah tal-laqgha filwaqt li jitolbu assigurazzjoni li parti tal-moll kien ser jibqa accessibbli ghan nies u mhux ser itellef. Il-Kunsill qabel.

12.4 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li tintalab ukoll laqgha mal-Ministru. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 19:18 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 13.0 Hrug tal-iskart domestiku

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li matul laqghat precedenti kienu diga gew diskussi xi alternattivi ghal dawk ir-residenti li joqoghdu fi blokkijiet ta appartamenti li ghandhom it-twieqi taghhom fil-baxx u li ghalhekk ir-riha tal-boroz tal-iskart tista' tkun t'inkonvenjent ghalihom ghax ir-residenti l-ohra tal-blokk iridu jitfaw l-iskart taghhom that dawn it-twieqi bilfors

13.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla billi qal li rrizulta li fiz-zona ta' Balzunetta hemm l-istess problema fejn hafna residenti jixtiequ li johorgu l-iskart quddiem il-bieb izda dan qed ikun inkonvenjent ghal haddiehor.

13.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien diga ressaq talba biex il-Kunsill jaghmel eccezzjoni ghal dan il-kaz u jaghti koncessjoni l l-boroz jinhargu fil-kantuniera minflok quddiem il-bibien.

13.4 Il-Kunsillier Vincent Borg fakkar fil-binja l-gdida li hemm u qal li meta dawn il-proprjetajiet jimtlew, kienet ser tinholoq problema ikbar.

13.5 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li din il-materja tigi diskussa matul il-laqgha tas-sottokumitat tal-Ambjent u l-Indafa.

13.6 Is-Sindku ppropona wkoll li l-Kunsill johrog politika ta' x'jista' jigri f'sitwazzjonijiet bhal dawn u talab lill-kunsillieri sabiex jahsbu f'alternattivi bhalma huma *designated zones*, ecc biex tkun tista' tinstab soluzzjoni.

## 14.0 Gibjun ta Hdejn l-Agfa

14.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kien hemm bzonn li l-Kunsill jiehu decizjoni finali fuq dan il-gibjun.

14.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien hemm zewg problemi: il-katusa jidher li kienet mizduda kif ukoll li ma kienx hemm certezza li l-gibjun ma kellu l-ebda leakage.

14.3 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li l-Kunsill jibda billi jiftah il-kanna li hemm mizduda u wara jara jekk dan il-gibjun jitbattalx ladarba jkun imtela' bl-ilma.

14.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien hemm bzonn li l-Kunsill jimpjega lil xi hadd sabiex jivverifika l-funzjonalita' tal-gibjun, billi jinzel fih u jara jekk hux qed jintilef ilma.

**Nota: 19:25 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

14.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriet li l-Kunsill iqabbad lil xi hadd sabiex jinzel fil-gibjun u jiccekkja x'kien hemm bzonn li jsir.

14.6 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghas-sistema tal-irrigazzjoni u qal li ma kienx jaf li din kienet ilha zmien twil ma tithaddem. Huwa qal li ma kienx jaghmel sens li l-Kunsill investa daqshekk flus f'din is-sistema biex ma kinietx qed tintuza.

14.7 Is-Sindku issuggerixxa li l-Kunsill jinforma lill-ministeru b'din is-sitwazzjoni specjalment ladarba l-Kunsill kien gie mitlub ricentement sabiex jipprovdi pjanta ta' fejn hemm gibjuni fil-lokalita'.

14.8 Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu hsieb iqabbad lil xi hadd jinzel fil-gibjun u jara x'hemm bzonn isir.

## 15.0 Skema ta Parkegg Residenzjali

15.1 Is-Sindku fetah id-diskussjoni billi qal li ricentement kienet qed tinholoq konfuzjoni fejn jidhlu

kazijiet partikolari relatati mal-iskema ta' parkegg residenzjali.

15.2 Is-Sindku kompla billi qal li xtaq li jkun hemm gabra tad-decizjonijiet kollha li l-Kunsill ha rigward din l-iskema sabiex tiffacilita d-decizjonijiet u tkun tista' tkun accessibli facilment.

15.3 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu kien diga beda jahdem fuq gabra ta' dawn id-decizjonijiet izda din il-materja kienet twila wisq biex tigi diskussa kollha waqt il-laqgha u ghalhekk ihoss li jkun ahjar jekk jigi ccirkolat lill-kunsillieri kollha sabiex jinghata daqqa t'ghajn u jsir workshop sabiex jigu proposti xi tibdiliet jew suggerimenti. Il-Kunsill qabel li d-dokument ghandu jigi ccirkolat.

15.4 Is-Sindku qal li matul iz-zmien kienu ttiehdu decizjonijiet li setghu ikunu kontradditorji jew mhux cari u ghalhekk ma jkunx hemm qbil fuq kif wiehed irid jipprocedi.

## 16.0 Latrina Pubblici ta Hdejn Bieb il-Bombi

16.1 Is-Sindku fetah il-materja billi rrefera ghal-laqgha li nzammet ricentement fejn il-Kunsill kien gie mgharraf li l-Cleansing Department kien lest li jiehu r-responsabbilta' tal-latrina ta' hdejn Bieb il-Bombi f'idejh.

16.2 Is-Sindku qal li dan id-dipartiment kien talab lill-Kunsill sabiex jipprovdilu l-materjal biex din tigi rrangata mill-haddiema tad-dipartiment.

16.3 Is-Sindku qal li minkejja dan it-titolu legali ser jibqa' tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

16.4 Is-Sindku tkellem ukoll rigward il-latrina tal-klabb tal-bocci u qal li din il-materja kienet qamet ukoll matul il-laqgha msemmija. Huwa qal li kien gie deciz li din ma tergax tinfetah minhabba li ma kinietx fi stat tajjeb.

16.5 Is-Sindku qal li kienu gew diskussi wkoll is-subways fejn il-Kunsill kien gie nformat li l-haddiema jigu jnaddfu tliet darbiet f'gimgha. Minkejja dan id-dipartiment kien qabel li kien hemm bzonn isir xi xoghol iehor ta manutenzjoni li jrid isir.

16.6 Is-Sindku Nigel Holland kompla billi qal li jhoss li kien qed isir xoghol innovativ ghall-pajjiz mill-Cleansing Department fejn anke twahhlu xi bins f'postijiet fil-Floriana u qed isir tindif sew tal-istess bins anke min naha ta` barra taghhom..

16.7 Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li jitwahhal bin quddiem is-subway fejn ikun hemm in-nies jistennew tal-linja u dan biex wiehed ikun jista' jarmi l-hmieg tieghu gol-bin minflok mal-art.

16.8 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sur Mario Barbara mill-istess dipartiment kien talbu sabiex jikkuntatjah f'Jannar biex ikunu jistghu isiru d-diskussjonijiet.

## 17.0 Kawza Legali DJS Trading Ltd

17.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bl-ahhar zviluppi relatati ma' dan il-kaz.

17.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li kien informat li l-Pulizija ma kienux ser jipprocedu kriminalment ladarba jhossu li l-kaz ma kienx wiehed kriminali izda wiehed civili.

17.3 Il-Vici Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill jitlob lill-Avukat tieghu sabiex jitkellem mal-Avukat ta'

DJS Trading Ltd. sabiex jintlahaq ftehim. Huwa kompla billi qal li jekk ma jintlahaqx ftehim allura l-Kunsill ghandu jiehu passi ulterjuri.

17.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li l-Kunsill ghandu jipprocedi b'kull mod li jista' sabiex il-persuna /kumpanija kkoncernata trodd lura l-flus dovuti lill-Kunsill, jew tghaddi dawn il-flus direttament lil-P.BS.

## 18.0 Skema ta Attivitajiet Kulturali – Memo 27/2014

18.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill bl-iskema ta' attivitajiet kulturali u ressaq ghall-approvazzjoni l-formola li trid timtela'.

18.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega kif kull kunsill seta' japplika ghal zewg attivita' u li ghaliha jista' jinghata sa massimu ta' €15,000 kull attivita'. Il-Kunsill qabel li ghandu jippropona l-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat u l-attivita' ta' Genna ta' Gonna.

18.3 Is-Sindku Nigel Holland talab li jiddikjara li r-raguni ghalfejn kien qed jivvota esklussivament favur dawn iz-zewg attivitajiet kienet minhabba l-fatt li ma setax jaghmle mod iehor ladarba l-Kunsill ma kienx approva li terga' ssir edizzjoni ohra tac-Celebrazzjonijiet Nazzjonali f'Lejliet l-Ewwel tas-Sena, u iddikjara ukoll li ghadu favur li din l-attivita` kellha ssir.

**Nota: 19:45 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 19.0 Traffiku u Parkegg

19.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill bit-talba mressqa mill-Ambaxxatrici ghat-Turkija f'Malta sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jaghti permessi lill-haddiema tal-Ambaxxata Torka. Is-Sindku kompla billi qal li kienu qed jitolbu erbgha spazji ghall-haddiema.

19.2 Wara li saret diskussjoni, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li zomm mal-linji gwida ta Transport Malta, u ghaldaqstant ma jilqax it-talba taghhom u dan principalment minhabba l-problema kbira ta' parkegg li tezisti fil-lokalita' specjalment ghar-residenti.

19.3 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill b'talba biex Triq San Publju ssir one way. Huwa kompla billi spjega l-hsibijiet relatati mat-tibdiliet li ggib maghha din id-decizjoni.

**Nota: 19:55 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

19.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li jkun ahjar kull meta jkun hemm ilment u suggeriment dwar traffiku li kieku l-Kunsill jitlob parir minghand espert tat-traffiku qabel ma jiehu din id-decizjoni. Il-Kunsillier Borg qal li l-ewwel irid ikun cert li l-Kunsill jaqbel fil-principju qabel ma jipprocedi billi jitlob parir minghand espert.

**Nota: 19:58 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

19.5 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk jikkunsidrax li jhalli d-dhul u jaghlaq l-access ghall-hrug. Il-Kunsillier Borg qal li jekk dan isir, ser jikkawza iktar problemi ghall-vetturi li jkunu gejjin minn ~~Triq~~

~~Sarria.~~ Toroq San Publju u il-Mirador.

**<u>Nota: 20.00 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.</u>**

19.6 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk kienux gew ikkonsultati r-residenti ta' din it-triq rigward din id-decizjoni. Il-Kunsillier Borg qal li kienu r-residenti ta' din it-triq stess li kienu ressqu din il-proposta.

19.7 Il-Kunsill qabel fil-principju mal-proposta.

19.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Ezamijiet fejn talbu li jsir parkegg riservat ghad-dipartiment. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba ladarba l-linji gwida ta' Transport Malta ma kienux jippermettu li jsir parkegg riservat lil dan id-dipartiment.

## <u>20.0 Tournament tal-Football</u>

20.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-memo interna li kienet ressqet sabiex jittella' tournament tal-football b'rizq il-Malta Community Chest Fund.

20.2 Hija kompliet billi qalet li meta membru tas-sotto kumitat avvicina lil Floriana Nursery sabiex jiehdu sehem f'dan it-tournament, dawn kienu rrifjutaw li jippartecipaw u allegaw li l-kunsilliera kienet ivvotat kontra n-Nursery fuq Materji ohra.

20.3 Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li hi tixtieq ticcara l-punt li fil-kaz partikolari, li kien fuq dawra bil-funtrain waqt Genna ta Gonna, ma kinietx ivvotat kontra l-Floriana Nursery izda sempliciment ressqet il-punt li li kellhom jippartecipaw it-tfal kollha u mhux dawk li jmorru n-nursery tal-football biss.

20.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kienu gew mghoddija l-istess kummenti fuqu u qal li jixtieq jiccara li hu kien ressaq kumment li ghandhom jigu t-tfal kollha u mhux biss tan-nursery.

20.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li thoss li jekk wiehed ser jikkwota kif ikunu vvotaw il-kunsillieri, allura ghandu jkun car il-mod kif jigu kwotati..

20.6 Il-Kunsilliera Sammut Hili kompliet billi qalet li kienu saru wkoll diskussjonijiet mal-iSkola Primarja fejn kien gie deciz li ssir fun day nhar l-4 ta' Dicembru 2014. Hija qalet li membru tas-sottokumitat kien gab ukoll sponsor ghal din il-gurnata.

20.7 Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li t-tfal kollha kienu ser jinghataw midalji ghall-partecipazzjoni taghhom u li kull tifel/tifla kienu ser jintalbu €2 li jmorru ghall-Community Chest Fund.

20.8 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-Floriana Nursery ftit granet ware kienu regghu biddlu hsiebhom dwar punt (20.2) u nformaw li kienu ser jippartecipaw bl-Under 8s fit-tournament li ser isir fil-21 ta' Dicembru 2014.

20.9 Hija kompliet billi talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill ghax-xiri ta' midalji ghal dan it-tournament. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 21.0 Bankini Balzunetta

21.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja billi qal li wara hafna, il-Kunsill kien finalment gie moghti risposta rigward it-talba ghal-Kurduna tal-lava sewda. Infatti, is-Sindku qal li wara li kien ikkuntattja lill-Perit Mireille Fsadni mill-VFRP, din kienet sorpriza kif il-Kunsill kien ghadu ma giex informat li ma kienx hemm lava.

21.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu jinsab sorpriza minhabba li waqt laqgha li kellu hu, kien ha l-impressjoni li kien hemm lava bizzejjed biex isir ix-xoghol.

21.3 Is-Sindku qal li l-Perit Fsadni kienet informatu li ghalkemm hemm xi materjal ma kienx hemm bizzejjed lava ghax kellhom bzonn anke huma xi materjal minnu biex iraqq fejn ikun hemm bzonn fil-Belt.

21.4 Is-Sindku kompla billi qal li ghalhekk qed jissuggerixxi li x-xoghol isir bil-kurduna tal-qawwi l-bajda flok bis-sewda. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

21.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-Kunsill jitlob laqgha mal-kuntrattur sabiex jigu diskussi xi punti qabel ma jibda' x-xoghol imsemmi.

21.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li jhoss li l-VFRP ma kienu qed jaghmlu xejn gdid fil-konfront tal-lokalita' taghna. Is-Sindku Nigel Holland qal li hu jinsab informat li hafna mill-progetti li jsiru mill-Gvern fil-Floriana isiru permezz tal-VFRP.

21.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li xi bankini jergghu jinhaslu minhabba li regghu thammgu.

21.8 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hemm bzonn li tinhasel il-bankina ta' Triq Antonio Agius.

21.9 Is-Sindku Nigel Holland talab li jigu elenkati l-bankini li ghandhom bzonn dan ix-xoghol u talab li din il-lista titressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill sal-ahhar tal-gimgha sabiex tkun tista' tigi stmata is-somma relatata.

## 22.0 Arblu tal-bandiera fi Triq Sant'Anna

22.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kien talab kummenti u suggerimenti minghand in-nies rigward it-twahhil ta' arblu fi Triq Sant'Anna. Huwa qal li hafna ssuggerew li dan l-arblu jitwahhal fi Pjazza Sant'Anna.

22.2 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghall-fatt li l-arblu jrid jitwahhal f'post li jkun facli sabiex wiehed ikun jista' jnizzel u jtella' l-bandiera minghajr periklu.

22.3 Is-Sindku qal li hu ghandu jivverifika mal-Kunsill tal-Belt Valletta dwar kif jahdmu biex itellghu u jnizzlu il-bnadar.

**Nota: 20:15 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 23.0 Progetti Binja Vilhena u Binja Preziosi

23.1 Is-Sindku Nigel Holland qal li dakinhar kien mar ghas-seduta tal-EPC u nforma li kienu rtiraw l-oggezzjoni ghar-rampa li taghti ghall-polverista ta hdejn Binja Vilhena u finalment ta l-approvazzjoni tieghu b'xi kundizzjonijiet.

23.2 Is-Sindku issuggerixxa li l-Kunsill jinforma lill-Awtorita' tad-Djar li l-Kunsill kien ser ikun ghaddej bil-progett.

23.3 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li s-sejha ghall-offerti ghal tisbieh fi Pjazzi Sir Luigi Preziosi kienet giet ippublikata dakinhar u ghalhekk talab lill-Kunsill sabiex jaghmel laqgha nhar it-Tlieta 2 ta' Dicembru 2014 fl-4.30pm sabiex jinfethu s-sejhiet.

## 24.0 Aġġornament tal-laqgħa

24.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tlieta 16 ta' Dicembru 2014 fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fit-20.35.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv

| | AM | | PM | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Monday 22 December 2014 | | | VL | | | | |
| Tuesday 23 December 2014 | | | Party/Lunch | | | | |
| Wednesday 24 December 2014 | | | Closed | | | | |
| Thursday 25 December 2014 | Public Holiday | | | | | | |
| Friday 26 December 2014 | Closed | | | | | | |
| Saturday 27 December 2014 | | | Closed | | | | |
| Sunday 28 December 2014 | | | | | | | |
| Monday 29 December 2014 | | | | | | | |
| Tuesday 30 December 2014 | | | Party/Lunch | | | | |
| Wednesday 31 December 2014 | | | Closed | | | | |
| Thursday 01 January 2015 | Public Holiday | | | | | | |
| Friday 02 January 2015 | Closed | | | | | | |
| Saturday 03 January 2015 | | | Closed | | | | |